Fit-Tribunal ghall-Ambjent u l-Ippjanar

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
5 OCT 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

Kaz Nru.: CRM00434/22

Josef Saliba (I.D. No. 369877(M)

vs

Environment & Resources Authority

Rikors tal-Appell ta' Josef Saliba of 'Little Rose', Triq Gnien Imrik, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-Karta ta' l-Identita' Numru 369877(M)

Jesponi bir-rispett:

(i) Illi l-appellant ircieva l-Avviz dwar Penali Amministrattiva bin-Numru CRM00434/22 mahrug fil-konfront tal-esponenti fit-13 ta' Gunju, 2022;

(ii) Illi permezz tal-imsemmi avviz, l-esponenti gie mmultat multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200) talli allegatament ftit minuti qabel id-disgha ta' filghodu nhar it-Tnejn, 7 ta' Marzu, 2022, sar rimi ta' skart f'sit accessibbli minn Sqaq l-iBghal, Birkirkara, Malta. Dan ir-rimi, li ghalih huwa responsabbli s-Sur Josef Saliba, jikser ir-Regolarmenti dwar l-Iskart - L.S.549.63.

(iii) Illi l-appellant issottometta l-oggezzjoni tieghu ghall-hrug tal-penali amministrattiva liema oggezzjoni giet rifjutata permezz ta' ittra datata 2 ta' Settembru, 2022;

(iv) Illi l-appellant hass ruhu aggravat permezz ta' din id-decizjoni u ghalhekk qieghed jinterponi dan l-umli appell minn din id-decizjoni;

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudzzju ghall-kumplament tal-aggravji mqajma mill-esponenti fl-appell tieghu, jigi sottomess illi l-multa imposta hija preskritta ai termini tal-Artikolu 688 tal-Kap. IX tal-Ligijiet tal-Malta. Stante li l-multa imposta hija wahda ta' natura penali, u hekk kif issir referenza ghad-dispozizzjonijiet naxxeti mill-Kodici tal-Pulizija - Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta fil-Legislazzjoni Sussidjarja indikata, similment, tali akkuza u penali hekk kif imposta hija preskritta ai termini tal-Ligi;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottomess illi kuntrarjament ghal dak li gie ddikjarat fl-avviz hawn fuq imsemmi, mhux minnu li l-appellant assuma r-responsabbilita' tal-allegat ksur, tant illi l-appellant sahansitra ta s-segwenti ragunijiet li qieghed mill-gdid jirriporducihom in sostenn tal-appell tieghu:

    i. Illi mhux minnu l-appellant rema jew ddispona minn skart hekk kif qieghed jigi allegat, tant li huwa konsistentement innega li kellu x'jaqsam ma' dan l-allegat ksur;

    ii. Illi l-fond imsemmi kien accessibbli minn numru ta' kuntratturi li kienu qeghdin jahdmu fil-fond, u infatti, l-istess appellant ghadda lista shiha tal-persuni li setghu dakinhar jaccessaw il-fond imsemmi;

    iii. Illi konsegwentement, mhux minnu li dan l-allegat akkadut seta' jigi unikament attribwit lill-appellant;

    iv. illi matul dak iz-zmien il-fond kien anke f'xi mumenti miftuh u ma kienx qieghed imsakkar, u ghalhekk ma setghetx l-Awtorita' tistabilixxi b'certezza li l-allegat ksur gie kommess mill-istess appellant;

In vista tas-suespost, filwaqt li l-appellant jirrizerva li jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri matul il-kors ta' dan l-appell, l-appellant umilment jitlob li l-multa amministrattiva msemmija hawn fuq mahruga fil-konfront tieghu tigi revokata u dan taht kwalunkwe provvediment li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq u opportun.

Flimkien ma' dan l-appell qed tigi annessa kopja tal-multa amministrattiva, tad-decizjoni ghall-oggezzjoni u r-ricevuta tal-hlas tal-appell.

Avv. Joshua Grech
94, Triq San Girgor,
Kercem, Ghawdex